MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 254/2011

Il-Pulizija
Vs
Jonathan Cassar

**Sentenza dwar Żewġ Appelli.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Gunju, 2007 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

Biegh jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jamminifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut mir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
U aktar meta kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jamminfattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
U aktar meta kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Mejju, 2011 fejn il-Qorti sabet htija wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, GN 292.1939, kif ukoll id-Disposizzjonijiet 4 u 6 tat-Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkundannat lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs, u kif ukoll multa ta' €5,000;
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannat lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ta' €2249.23
Ordnat wkoll id-distruzzjoni tad-droga esibita, gia' mmarkata bhala Dok KB310.2007
Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2011 fejn talab lil Qorti tirriforma is-sentenza appellate fis-sens illi:

a. tikkonfermha fejn sabet lill-imputat appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu;
b. tikkonfermha fejn ikkundannat lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ta' €2249.23 u ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga esebita; filwaqt li
c. tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti relattiva ghall-piena fejn ikkundannat lill-imputat ghal-piena karcerarja ta' sentejn u nofs, u kif ukoll multa ta' €5000;
d. u minflok ghar-ragunijiet fuq premessi, tinfliggi l-piena idonea kontra l-imputat appellat skond il-Ligi ghar-reati li nstab hati dwarhom kif hawn fuq imsemmi.

Rat ir-rikors ta' l-appellant Jonathan Cassar minnu pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2011 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

(1) tikkonfermha fejn sabitu ħati tat-tielet (pussess semplici tad-droga kokaina), tar-raba` (pussess semplici tad-droga eroina) u tal-ħames (pussess semplici tal-pjanta cannabis jew bicca minnha) imputazzjonijiet; u
(2) tħassarha u tirrevokha fejn sabitu ħati tal-ewwel (traffikar tar-raza tal-cannabis) imputazzjoni u taghha tiddikjarah mhux hati u minnha tilliberah skont il-ligi; u

(3) tħassarha u tirrevokha fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta u cioe` ta' pussess aggravat u minflok issibu ħati biss tar-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis, reat kompriz u nvolut fl-imputazzjoni kif dedotta;

u konsegwentement tgħaddi biex taghti dik il-piena jew sanzjoni li tkun tirrifletti din id-dikjarazzjoni;

(4) alternattivament u minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax jogħgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest stante li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet piena mtaffija wisq tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz ukoll fid-dawl tal-plurirecidivita tal-istess imputat.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet il-htija fl-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu. Dan ifisser illi l-imputat ġie misjub ħati talli:

a. biegħ jew xort'oħra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;
b. kellu fil-pussess teighu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
c. kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina;
d. kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina;
e. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha.

Huwa minnu li l-artikolu 22(2)(b)(i) jipprovdi, ghal kull reat hemmhekk imsemmi ghal piena t' prigunerija ghal zmien mhux anqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba` mija u hamsa u

sittin ewro u sebgħa u tmenin ċentezmu izda mhux izjed minn ħdax il-elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa tmenin ċenteżmu.

F’ dan il-kaz, il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-deher tissubentra f’ dawn il-parametri. Iżda meta jiġu kunsidrati n-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom ġie misjub ħati l-imputat appellat, magħduda maċ-ċirkustanzi li fihom id-drogi de quo ġew misjuba, jirrendu dan il-kaz serju b’mod tali li kien jimmerita piena aktar gravuża.

Dan qiegħed ukoll jingħad fid-dawl ta’ ġurisprudenza varja mogħtija minn dawn il-Qrati fir-rigward ta’ każijiet li kienu jinvolvu kommissjoni ta’ reati simili.

Fil-kaz “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Owen Bonnici”, deċiż fid-19 ta’ Mejju , 2011 mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Superjuri) is-sentenza ta’ seba` snin prigunerija u multa ta’ €14,000 mogħtija mill-Qorti Kriminali giet konfermata f’kuntest fejn Owen Bonnici gie misjub hati ta’ pussess kwalifikat ta’ madwar kilogramma raza mehuda mill-pjanta Cannabis f’kuntest fejn l-istess Owen Bonnici ibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ħaġa li fil-fatt ma ssibx riskontru f’dan il-kaz. F’ dan il-kaz, il-piz tal-istess tip ta’ droga kien ftit anqas minn nofs ta’ dak misjub fil-pussess t’ Owen Bonnici, izda f’ dan il-kaz, ma kienx hemm l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta bħalma kien hemm fil-kaz ta’ Owen Bonnici. Għalhekk meta dawn iz-zewgt kazijiet jitqabblu ma’ xulxin, fl-umli fehma tal-esponent, jirrizulta li l-piena inflitta fuq l-imputat appellat kienet miti wisq, tenut kont li huwa (a) ikkontesta l-kaz (b) il-piż tad-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis kien ta’ 476 grammż u (c) ma kienx jikkwalifika għal tnaqqis naxxenti mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-kaz “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Nazzareno Muscat”, deciz mill-Qorti tal-Appell Krimiinali (superjuri) nhar it-12 ta’ Frar, 2009 is-sentenza erogata mill-Qorti Kriminali nhar it-3 ta’ April, 2008 fil-konfront tal-akkuzat gie kkonfermata. Din il-piena kienet tikkonsisti f’ghaxar snin u sitt xhur

prigunerija u multa ta' €25,000 ghal akkuzi ta' assocjazzjoni u pussess kwalifikat ta' madwar kilogramma (1,000 grammi) ta' raza mehdua mill-pjanta Cannabis liema piena inghatat f' kuntest fejn l-akkuzat kien ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Fil-kaz in disamina, l-imputat gie mixli bi traffikar tad-droga raza mehuda mill-pjanta kannabis, li fl-iskala tal-gravita' huwa magguri ghal dak t'assocjazzjoni. Apparti minn hekk fil-kaz ta' Nazzareno Muscat kien hemm ammissjoni registrata da parti tal-akkuzat, mentri f' dan il-kaz prezenti l-imputat appellat ghazel li jikkontesta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Ghal darb' ohra d-differenza magguri bejn dawn il-kazijiet kienet fil-piz tad-droga misjuba. Eppure minkejja li n-natura tad-droga kienet l-istess u r-reat ta' pussess kien komuni fiz-zewgt kazijiet, il-piena li giet erogata fuq l-imputat appellat kienet bil-ferm anqas minn dik inflitta fuq Nazzareno Muscat.

Fil-kaz "Ir-Repubblika ta' Malta vs Alex Mallia", deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) nhar id-19 ta' Gunju, 2009 is-sentenza erogata mill-Qorti Kriminali nhar is-27 ta' Frar, 2008 fil-konfront tal-akkuzat giet ikkonfermata. Din il-piena kienet tikkonsisti f' disa' snin prigunerija u multa ta' Liri Maltin 8,000 għal akkuzi, inter alia ta' pussess kwalifikat ta' madwar żewg kilogrammi u nofs (2,500 grammi) ta' raza mehuda mill-pjanta Cannabis. F' dan il-kaz t' Alex Mallia, jirrizulta li kien hemm ukoll ammissjoni tal-akkuzi migjuba kontra tieghu fi stadju bikri u dan kwalifika lil dak l-akkuzat ghal skont fil-piena inflitta. Dan huwa kuntrarju għal dan il-kaz presenti fejn l-imputat appellat għazel li jikkontesta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Għal darb'oħra n-natura tad-droga de quo kien l-istess, hlief ghall-piz tal-istess; bid-differenza wkoll li fil-kaz ta' Alex Mallia kien hemm ukoll l-akkuzi ta' rezistenza lill-pulizija, kif ukoll hsara volontarja (Lm75) fi propjeta tal-pulizija. Biss dawn ir-reati huma ben anqas gravi minn dawk ta' traffikar ta' droga kif impuati lill-imputat appellat odjern. Eppure l-piena li giet erogata fuqu kienet miti wisq meta komparata anke ma dan il-kaz t'Alex Mallia.

Hemm ukoll kaz aktar reċenti deciz nhar it-18 ta' Mejju, 2011 mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Calleja" fejn ghal akkuza biss ta' pussess kwalifikat ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis, dan l-akkuzat, wara li ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu gie kkundannat ghall-piena ta' sitt snin prigunerija u multa ta' €15,000. F'dan il-kaz, il-piz tad-droga raza tal-cannabis kien ta' 927 grammi b' purita ta' 18%. F' dan il-kaz, kien hemm akkuza waħdanija ta' pussess kwalifikat biss, kien persuna li ma kellux preċedenti penali, kkopera mal-pulizija tant li ha sehem ukoll f' controlled delivery, ibbenifika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101, ammetta l-kaz fi stadju bikri tal-proceduri u giet inflitta fuqu l-piena skontata hawn fuq imsemmija li tikkontrasta mal-piena inflitta f'dan il-kaz.

Il-kazijiet kwotati aktar 'il fuq huma kazijiet decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) u ghalhekk huma appelli konsegwenti decizjonijiet tal-Qorti Kriminali. Fil-fehma tal-esponent, dawn id-decizjonijiet ittiehdu mill-ghola Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali (kollegjalment komposta) f' dan il-pajjiż. Juri wkoll ghalhekk li parametri senjati minn din il-Qorti ghandhom ikollhom valur interprettattiv qawwi fuq il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali ohra. Fl-umli fehma tal-esponent ghalkemm il-parametri tal-piena stabbiliti mill-Ligi huma differenti ghal jekk kaz ikunx gie ordnat mill-Avukat Generali sabiex jigi deciz quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati, meta kull Qorti minn dawn tigi biex teroga piena, din ghandha taghmel dan skond il-kriterji oggettivi stabbiliti mill-gurisprudenza relattivi ghac-cirkostanzi tal-kaz partikolari.

L-ezercizzju tal-"benchmarking" li beda jigi intrapriz minn dawn il-Qrati f'dawn il-kazijiet, u b'mod partikolari mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-umli fehma tal-esponent ghandu jigi kemm jista` jkun, u sa fejn possibbli fic-cirkostanzi tal-kaz, jigi osservat mill-Qrati kollha ta' gurisdizzjoni kriminali fid-decizjonijiet tal-kazijiet taghhom.

Fil-fatt dawn il-kazijiet hawn fuq imsemmija li gew decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fejn juru certa

konsistenza f'dan l-aspett. Fil-fehma tal-esponent, tali ezercizzju ghandu wkoll jigi segwit mill-Qorti tal-Magistrati sabiex kemm jista jkun, ikun hemm certa uniformitá fl-erogazzjoni tal-pieni.

Fost il-kriterji li l-Qorti tal-Appell Kriminali tiehu in konsiderazzjoni hemm fatturi oggettivi, bħan-natura tad-droga mertu tal-każ, il-kwantita' tad-droga, il-kwalita' taghha, il-purezza taghha nonche wkoll sa certu punt il-valur fis-suq mifthuh tal-istess droga, kif ukoll aspetti aktar soggettivi ghac-cirkostanzi relattivi ghall-persuna li tkun involut fil-kaz, il-precedenti taghha, il-modalita adoperata fir-rigward tal-pussess tal-istess droga u/jew il-modalita tat-traffikar taghha. Jigu mehuda wkoll in konsiderazzjoni aspetti procedurali ohrajn bhall-livell ta' koperazzjoni tal-persuna mixlija mal-awtoritajiet tal-pulizija, jekk tali persuna kienetx tikkwalifika ghal skonti fil-piena naxxenti mill-ligi (ezempju f'kaz t'applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101) jew f'kaz t'ammissjoni tal-htija fi stadju bikri tal-proceduri…

Dawn il-kriterji għandhom jiġu applikati indipendentement jekk il-kaz jigix deciz mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Magistrati. Fil-fehma tal-esponent, ghalhekk jekk minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, l-istess każ ikun jista jigi deċiż kemm mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Magistrati (in kwantu l-kaz ikun jaqa that il-parametri tal-pieni li jkunu jikkoincidu), l-ghazla tal-forum per se ma ghandiex tkun determinanti fir-rigward tan-natura, il-kwalita` u l-kwantita` tal-piena erogata. Jigifieri l-istess fattispeci u cirkostanzi, indipendentement jekk il-Qorti tkunx il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati. Fi ftit kliem, il-fatt li kaz jigi riferit mill-Avukat Generali sabiex jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati ma ghandux iwassal, ghal dan il-fatt biss, li l-piena ghall-fattispeci ta' dak il-kaz tkun inferjuri minn dik li kienet tkun erogabbli mill-Qorti Kriminali li kieku l-kaz kien riferit mill-Avukat Generali ghall-gudizzju ta' dik il-Qorti. Naturalment dan l-ezempju japplika b'mod partikolari ghal dawk il-kazijiet li fihom il-parametri tal-piena imsemmija mill-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb)proviso(ii) jew 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 ikunu jikkoincidu bejn dawn iz-zewgt Qrati.

F’ dawn il-kazijiet kif analizzati, meta tikkonsidra l-fatt li n-natura tad-droga de quo hija l-istess bhal f’dawn il-kazijiet hawn fuq imsemmija u r-reati de quo huma wkoll f’diversi aspetti analogi, id-differenza bazika bejn dawn il-kazijiet aktar hija relatata mal-piz tal-imsemmija droga aktar milli man-natura tar-reati per se. Fil-fehma tal-esponent din id-differenza kellha tigi riflessa fil-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Iżda l-piena kellha tkun proporzjonata mal-parametri traċċati mill-kazistika tal-Qorti Kriminali kif konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri).

Inoltre, f’dan il-kaz, id-droga de quo kienet intiza biex tkun ittraffikata anke f’kuntest fejn l-akkużat kien għadu jieħu f’idejh it-tmexxija tal-Vancouver Bar, f’ Marsascala.

L-akkuzi ta’ bejgh u pussess ta’ droga cannabis, nonche pussess ta’ droga herojina u kokajina u pussess ta’ pjanta tal-kannabis jew bicca minnha kienu, fic-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz, kienu jimmeritaw piena akbar u aktar idonea maċ-ċirkostanzi tal-istess kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jonathan Cassar, huma s-segwenti w cioe':-

Illi preliminarjament l-esponent jixtieq jaghmel osservazzjoni fis-sens illi minn qari tal-paragrafu f’ pagna 6 tas-sentenza appellata li jibda “Ghaldaqstant...” wieħed isib il-kliem senjatament “...il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat...” Dan il-kliem uzat jidher li qed jimplika li l-esponent instab hati tal-imputazzjonijet kollha miġjuba kontra tiegħu. U minhabba f’hekk sejrin isegwu dawn l-aggravji u cioe` (a) dwar is-sejbien ta’ ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni ta’ traffikar ta’ raza tal-cannabis (b) dwar l-aggravju tal-pussess fit-tieni imputazzjoni, u (c) dwar il-piena inflitta.

(a) Illi fl-ewwel lok u bir-rispett l-esponent jirrileva illi, f’ kaz biss li l-ewwel Qorti ippronunzjat ruha fis-sens li kienet qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni – dik dwar traffikar tar-raza tal-cannabis – (f’liema kaz l-esponent jikkonċedi umilment li dan seta sehh probabbilment bi zvista genwina da parti tal-Ewwel Onorabbli Qorti) ikun

opportun li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tirrevedi r-riżultanzi proċesswali biex effettivament tasal ghad-dikjarazzjoni li l-esponent m'ghandux jinstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement minnha tilliberah skont il-ligi. Ma hemm xejn fil-process li jista` jwassal għal dikjarazzjoni ta' ħtija skont il-liġi dwar tali imputazzjoni;

(b) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponent umilment jirrileva illi s-sejbien tal-htija tieghu mill-ewwel Qorti fit-tieni imputazzjoni – dik dwar pussess tar-raza tal-cannabis mhux ghall-uzu esklussiv tieghu – hija wahda *'unsafe and unsatisfactory'.*

Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet fil-fond fir-rizultanzi processwali. Dan huwa naturalment apprezzat izda l-esponent huwa tal-umli fehma illi in linea generali r-rizultanzi processwali huma nieqsa mill-piz ta' prova tali, rikjesta fil-kamp penali, li twassal sal-grad tac-certezza morali, li l-esponent kien fi hsiebu li jipprokura l-istess sustanza legali. Bir-rispett jingħad li m'hijiex serena l-konkluzjoni li lahqet l-ewwel Onorabbli Qorti dwar ir-reita`.

Naturalment, dan l-argument huwa limitat ghar-reat kif addebitat – tal-pussess aggravat – izda mhux applikabbli ghar-reat kompriz u nvolut ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis, fatt mhux kontestat mill-esponent.

Illi qabel jidhol fuq l-apprezzament tal-provi kif magħmul mill-ewwel Onorabbli Qorti l-esponent jixtieq bir-rispett jindirizza l-osservazzjoni (aktar minn darba) li ghamlet l-ewwel Qorti kif jidher fil-hames pagna tas-sentenza appellata u senjatament "<u>ghazel li ma jwegibx ... ghazel ukoll illi ma jwegibx ... anke hawn għażel li ma jweġibx ...</u>" (sottolienear tal-esponent). Dejjem bl-akbar rispett, l-esponent wisq jibza', meta jara din l-osservazzjoni ripetuta, li meta giet biex taghmel il-valutazzjoni tal-provi, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet kondizzjonata, anke jekk genwinament, mill-fatt li l-esponent naqas li jirrispondi għal ċertu domandi. Li jagħżel li ma jirrispondix id-domandi jew xi domandi, huwa dritt tal-persuna

interrogata. U ebda inferenza ma tista` ssir minn tali nuqqas ta’ risposta (almendu fl-istadju meta l-esponent kien qed jigi nterrogat fl-20 ta’ Gunju, 2007).

Ir-raguni ghaliex l-esponent qed jaghmel din l-osservazzjoni hi ghaliex huwa umilment jemmen li l-apprezzament sussegwenti tal-provi magħmul mill-ewwel Onorabbli Qorti kien erronjament ibbazat fuq jew influenzat minn tali osservazzjoni tal-Qorti diġa’ msemmija.

Illi issa wasal l-istadju li fih l-esponent jindirizza l-kwistjoni tal-provi prodotti f’ dan il-process. Il-prova diretta u li ma tħalli ebda ekwivoku jew dubju hi s-sejba tar-raza tal-cannabis (totali ta’ 453.94 grammi) – għal-liema pussess l-esponent ammetta minnufih mal-pulizija – ara stqarrija tieghu.

Il-provi l-ohra materjali li a bazi taghhom l-ewwel Onorabbli Qorti sabet il-htija huma, in suċċint u prinċipalment, is-segwenti: Booklet, karti minn pitazz b’ diversi ismijiet u laqmijiet ripetuti u ammonti ta’ flus magenbhom u messaggi fil-mobile; l-ammont tad-droga pers se; in-nuqqas tal-esponent li jispjega l-ammont ta’ raza tal-cannabisl il-qsim tar-raza f’ bicciet;. Dawn l-elementi lkoll flimkien kienu l-bazi sabiex l-ewwel Onorabbli Qorti tiddikjara li l-esponent kellu r-raza tal-cannabis mhux għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi l-esponent japprezza li dawn l-elementi kollha jridu jigu ezaminati fil-qafas tal-provi u r-rizultanzi kollha u mhux b’ mod izolat. U huwa appuntu meta wiehed jara l-korp kollu tal-kaz odjern, li wiehed jirrealizza ghaliex l-esponenti umilment jilmenta li s-sejbien tal-ħtija fil-konfront tiegħu hija waħda mhux legalment sostenibbli.

Riferibbilment ghan-notebook, karti u l-messaggi de quo, l-ewwel Onorabbli Qorti qalet li dawn kienu indikattivi tal-modus operandi tal-esponent. Din hija konkluzjoni li ma hix sufficjentment riflessa fil-provi miġjuba. Il-kliem misjub, fin-nuqqas ta’ prova cara li tindika t-tifsira tieghu, jindika li bhala prova tista` tasal ghal aktar minn direzzjoni waħda

(fid-dawl anki tal-fatt li l-esponent kien minn zmien ghal zmien ibiegh xi xorb). La darba din il-prova, li suppost hija cirkostanzjali, qed tipponta lejn aktar minn direzzjoni wahda, din hija priva mill-valur probatorju bhala prova cirkostanzjali idoneja biex a bazi taghha tista tinstab il-htija. Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet bir-rispett l-esponent jirriafferma li s-sejba tan-notebook, karti u messaġġi fuq il-mobile ma tistax titqies bħala prova cirkostanzjali idoneja skond il-ligi.

Riferibbilment ghall-fatt tal-qsim tar-raza f’ bicciet, bir-rispett ma jincidi xejn fuq il-fatt allegat li l-espoennt kellu r-raża sabiex jispaccha. Mill-kawza “Il-Pulizija vs David Robert Matthews u Emanuel Delia” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, jidher umilment li l-pozizzjoni hi li l-fatt li l-imputat ikollu fil-pussess tieghu is-sustanza f’ dawk ic-crikostanzi ma kienx biżżejjed biex jinċidi fuq l-aggravju tal-pussess. F’ dan il-kuntest allura jinghad bir-rispett illi l-anqas dan l-element ma għandu l-kwalita’ ta’ prova cirkostanzjali idoneju skond il-ligi.

Riferibbilment ghall-ammont ta’ raza tal-cannabis per se, l-esponent umilment jirrileva li anki f’ dan ir-rigward huwa ma jikkondividix il-pozizzjoni li hadet l-ewwel Onorabbli Qorti. Filwaqt li kull pussess ta’ droga huwa kundannabli fis-socjeta` taghna u ebda pussess ta’ droga ma huwa gustifikabbli, f’din is-sottomissjoni l-esponent ihoss li ghandu jkun dirett fis-sens illi huwa mill-ewwel stqarr li kien akkwista tali sustanza ghall-uzu tieghu biss. Huwa spjega li kien jikkonsma ammont kuljum mhux hazin. Dan hu fatt mhux kontestat f’ dawn l-atti. In oltre l-esponent jirreferi ghas-sentenza moghtija fil-kawza gia msemmija kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Carmel Spiteri” (VDG 02/09/1999) fejn gie osservat li l-ammont ta’ droga (ghalkemm jista` jitqies ghall-finijiet ta’ piena jekk ikun konsiderevoli) m’ghandux esklussivament jincidi fuq il-kwistjoni jekk il-pussess kienx aggravat jew le. Bir-rispett kollu, fil-kaz odjern, l-ammont ta’ droga misjub ma kienx tali li a bazi tieghu seta’ jigi serenament konkluz li l-esponent kellu l-intenzjoni li jispacca – fid-dawl tal-fatt ukoll li l-esponent kien vizibbilment jikkonsma hafna f’dak iz-zmien.

Riferibilment ghall-osservazzjoni ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti li l-esponent naqas li jispjega l-ammont ta’ raza misjuba ghandu, l-esponent umilment jirrileva li ghall-kuntrarju, huwa effettivament ta’ spjegazzjoni għall-fatt ta’ tali pussess u għaliex kellu daqsekk u ghaliex kellu ammont gia mqassam f’bicciet.

Bir-rispett ukoll, m’hemmx dubju li ser tkun din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali li ser tifli sew il-korp tal-provi u tara jekk effettivament l-ewwel Onorabbli Qorti setgħetx legalment u raġonevolment issib il-ħtija fl-esponent. B’dan pero` li l-esponent qed jirrizerva li jelabora aktar dwar il-fatti waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appell.

Illi min-naha tieghu l-esponent, bil-verzjoni tieghu li hija konsistenti, ixaqqaq sal-grad tal-probabbli, l-allegazzjoni tal-prosekuzjoni li huwa kien fil-pussess tar-raza sabiex jipprokurha. F’ dan il-kuntest l-esponent josserva bir-rispett illi l-prosekuzjoni stess tidher li strahet sew jekk mhux addirittura kompletament fuq il-verzjoni tieghu fl-istqarrija. Cirkostanzi ohra li jsahhu t-tezi tal-esponent huma l-fatt li hu kellu debit mal-bank HSBC, l-isforzi tieghu biex jiggestixxi hanut u oħrajn bħala prova dwar il-valur fit-triq tar-raza misjuba w il-fatt li huwa kien interrogat ghall-ewwel darba f’hajtu u ta’ minnufih l-ispjegazzjonijiet mehtiega.

Jigi sottomess bir-rispett li l-esponent, a bazi tar-rizultanzi processwali m’ghandux jinstab hati tal-imputazzjoni ta’ pussess aggravat tar-raza tal-cannabis filwaqt li jaccetta l-htija dwar il-pussess semplici tal-istess sustanza;

(c) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-umli appell, l-esponent umilment jemmen illi fil-kaz odjern jeżistu fattur li jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti. Fost affarjiet ohra l-esponent jixtieq jippuntwalizza illi llum huwa riabilitat fis-socjeta` tant illi ghandu imjieg fiss u jahdem regolarment;

Ikkunsidrat

**L-Appell tar-rikorrent Jonathan Cassar.**

Il-Qorti l-ewwel ser teżamina l-appell tar-rikorrent Jonathan Cassar.

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar apprezzament tal-fatti. Bħala regola din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm id-deċiżjoni tkun waħda li l-Qorti setgħet waslet għaliha raġonevolment u legalment. Hekk intqal diversi drabi minn din l-istess Qorti diversament preseduta bħalma jidher minn din is-silta:

‘Illi gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, li dil-Qorti normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, sakemm din il-Qorti ma tqisx li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti tkun *“unsafe and unsatisfactory”* , u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiemha l-Ewwel Qorti w li jkunu jinsabu traskritti fil-process, hi suppost li ma tkun qatt waslet ghall-konkluzzjoni ta’ htija li tkun waslet ghaliha. U
dana ghaliex ghax kif gie ritenut mill-Qrati Inglizi :-

*“..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be veryreluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case , with the conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing andhearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone.However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then,very exceptionally , a conviction will be quashed*.” (Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice

Widgery – Blackstones' Criminal Practice (1991) p.1392 citat b'approvazzjoni fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Brian Caruana"** (23.5.02 ).'

Għalhekk l-ezami li għandha tagħmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mal-konklużjoni ta' htija jew le raggunta mill-Ewwel Qorti, izda jekk dik il-konklużjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha *"safely"* fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-ezercizzju revizjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti.'

Għalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-fatti biex tara jekk hemmx lok li hi tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti f' dan il-każ.

Mix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma jirriżulta li kienet saret tfittxija fil-post Flat 2A Hilltop Court, Door B Triq Tas-Sliem Marsascala fejn joqgħod l-appellant Jonathan Cassar. Hemmm instabet blokka allegatament raża tal-cannabis u kienet tiżen madwar 252 gramma. Magħha kienu elevati 38 biċċa sustanza kannella simili li kellhom piż ta' 224 gramma. Dawn kienu mkebbin ġo foil. Huwa qal li s-sustanza kellha piż ta' 467 gramma (fol 40). Kienu elevati wkoll booklet u xi karti minn pitazz li fuqhom kellhom diversi ismijiet ripetuti b'numri u ammonti ta' flus miktuba ħdejn l-istess ismijiet. Kien hemm ukoll kliem bħal 'pieces' u 'biċċiet' fuq l-istess dokumenti. Fuq il-mobiles kien hemm ordnijiet ta' fniek u ta' kaxxi Heineken.

Saret tfittxija oħra fil-bar li kien qed jiġi amminstrat mill-imputat u fil-kexxun fejn jinżamm il-cash instabet borża żgħira tal-plastic b'xi trab ġo fiha. Minn fuq il-persuna ta' Cassar kienu elevati Lm470 u żewġ mobiles, wieħed Samsung u l-ieħor Nokia b'simcard separata.

L-Ispettur reġa' xehed id-9 ta' Novembru 2007 (fol 129) u ppreżenta pitazz b'cover aħdar, notebook kulur oranġjo u xi karti maqtugħin qishom notepad. Dawn kienu elevati mill-flat fejn joqgħod l-appellant. Fihom hemm diversi ismijiet u numri korrispondenti ma' ammonti ta' flus.

**L-istqarrija tal-imputat.**
Mill-istqarrija tal-appellant, il-Qorti ser tislet biss il-linji difensjonali tal-appellant u xejn aktar.
Fl-istqarrija l-appellant qal li hu kien jikkonsma xi sitt joints kull jum. Huwa sostna li d-droga misjuba għandu kienet kollha intiża għalih. (fol 13). Huwa nnega li kien xtara d-droga biex ibiegħha. Dwar il-flus, l-appellant qal li dawn kienu parti minn loan li kien ħa mill-bank xi erba' xhur qabel. Huwa spjega ċerti numri billi qal lid an kien mod kif ikun jaf kemm ħareġ biċċiet tar-raża biex iqassamhom fil-ġimgħa. Kien għamilhom ir-raża fil-foil biex isibha ħandu meta joħroġha miegħu u ma joqħgodx iġorr ħafna. (fol 13). Kien hemm biċċiet ħoxnin minn sapuna oħra li minnhom kienu pejjep qabel ma waslu l-pulizija. L-ammont ta' raża kien iservih sena. Huwa qal ukoll li kien ilu jabbuża mid-droga kokaina madwar sena.
**Ix-xhieda tal-esperti**
Is-sur Godwin Sammut ippreżenta rapport u xehed li fid-dokumenti referuti lilu kien hemm total ta' 453.94 grammi ta' tetrahydrocannabinol b'purita' ta' 11%.
Kien hemm ukoll 1.02 grammi ta' kokaina b'piż ta' circa 13%.
Meta reġa' xehed dwar il-valur huwa qal li l-valur minimu kien ta' 1361.82 (minimum) jew 2723.64 Euros (maximum) (fol 169)
Is-Sur Martin Bajada ppreżenta rapport li kkonferma bil-ġurament li fihom hemm il-komunikazzjonijiet telefoniċi u xi messaġġi meħudin minn żewġ mobile phones. Fosthom jidher il-messaġġi:
'Ħares hawn sieħbi u qalli biex ngħidlek dawk li tinħasel bihom'
'Ara King erfagħli waħda ta' 20' (fol 114)
PC 186 Kristian Mintoff ippreżenta 34 ritratt li ħa hu stess bħala scene of the crime officer. Fost dawn ir-ritratti hemm 07BGM 106li juri biċċiet tal-foil; 07 BGM 105 li juri ħafna biċċiet ta' foil bis-sustanza ġo fihom; ritratti tal-flus ta' Lm10 – 07 BGM 112; 07 BGM 123 u 07 BGM 125;**ritratt 07BGM 109 li juri ismijiet ta' nies li jidhru fil-contact list tal-mobile tal-appellant kif ukoll b'numri ħdejhom u folja minnhom maqsuma f'żewġ partijiet – maqsumin 'Fuq' u 'Taħt'. Fil-faċċata tax-xellug hemm linja dritta f'nofs il-faċċata u fuq in-naħa tal-lemin**

**hemm totali u wara ta' 'Taħt' hemm aktar numri: 60, 80, 440; 80; 80 u fl-aħħar 520;** ritratt 07 BMG 110 – pitazz b'qoxra ħadra; 07 BGM 111 li juri lista ta' ismijiet (ħafna minnhom identiċi ma; dawk li jdihru fir-ritratt 07 BGM 109 – u aktar karti tal-Lm10 u tal-Lm5; tliet ritratti oħra juru l-karti tal-ħames liri;

**Xhieda Oħra**

**Xhieda dwar it-tfittxijat li saru fl-20 ta' Ġunju 2007.**

Xehed PC 213 Nicolai Borg. Dan ikkonferma x'instab fil-bar 'Vancouver'. Imbagħad qal li meta marru fil-flat tal-appellant, dan qalilhom li fuq il-fridge kellu kaxxa taż-żraben li ġo fiha kien hemm suspettata reżina tal-cannabis imgewżra fil-foil u ammont ta' flus. Fil-cooker isntabet blokka ssiġġillata. Kien hemm ukoll ammont ta' żerriegħa.

Xehed ukoll PC 1319 Matthew Xuereb li kkonferma d-dettalji mogħtija fil-paragrafu preċedenti. (fol 60).

Xehdet Audrey Ghigo rappreżentanta tal-HSBC Bank plc li xehdet dwar erba' loan accounts li kellu l-appellant (fol 122). Is-savings account kellu debitu ta' Lm9.50, is-savings account kellu bilanċ ta' 0 u account ieġor wera Lm85.88 dejn. Imbagħad spjegat kif ittieħdu l-flus mill-Account Numru 040103269300.

Xehdet ukoll Ms Marilyn Attard, Probation Officer, li ħejjiet rapport dwar l-appellant. Hija qalet li l-appellant kien mar jgħix m'ommu biex jaqta' l-kumpanija ħażina u li issa għandu xogħol stabbli. Il-urine test irriżulta negattiv.(Ara wkoll is-Social Inquiry Report (fol 215 b'mod partikolari).

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Aggravju – L-Ewwel Imputazzjoni**

Dwar dan l-aggravju huwa sinifikanti l-mod kif jesprimi ruħu dan ir-rikorrent a fol 252 tal-proċess (fol 3 tar-rikors):

',,,,il-Qorti qegħda ssib ħtija wara li rat….Dan il-kliem jidher li jimplika li l-esponent instab ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Imbagħad fil-paragrafu (a) a fol 252 ir-rikorrent Jonathan Cassar ikompli hekk:

**'(f'liema każ l-esponent jikkonċedi umilment li dan seta' seħħ probabilment bi svista ġenwina da parti tal-Ewwel Onorabbli Qorti).'**

**Kif immotivat is-sentenza l-Ewwel Onorabbli Qorti**

L-ewwel Onorabbli Qorti mmotivat is-sentenza tagħha hekk:

**'Illi l-kwistjoni kollha hawn si tratta jekk id-droga misjuba ghand l-imputat kinitx biss ghall-uzu esklussiv tieghu (fatt dan rizultanti u anness fl-istqarrijiet), jew kellhiex l-aggravju li allura nstabet f'cirkostanzi li juru li l-uzu ma kienx biss u esklussivament biss ghall-imputat.**
**Ghalhekk in ezami ta' dan, il-Qorti bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li fihom instabet id-droga.L-imputat insista li l-ammont ta' droga misjuba ghandu kien ghall-uzu esklussiv tieghu – dan pero ma jispjegax l-ammont ta' droga misjuba, aktar u aktar is-sapuna misjuba. Anke huwa ndikattiv ta' l-intenzjoni u l-modus operandi ta' l-imputat il-fatt illi d-droga kienet gia' maqsuma f'bicciet (34) ghall-konvenjenza biex isibhom kif qal l-imputat 'handy'. Indikattiv ukoll tal-modus operandi lfatt li ghand l-imputat instabu anke note books bin-numri u ismijiet, u senjalament il-kelma 'bicciet'. L-istess kliem anke 'pieces', instab fuq varji pitazzi. L-ammont ta' raza huwa wkoll indikattiv ta' l-operat tieghu. Hemm ukoll referenzi ghal xiri ta' fniek u dawk li tinhasel bihom, ghalhekk fil-kamp in kwistjoni sapun. Dan kollu kif gia' premess jirrizulta anke mill-messaggi fid-Dok MB.**
**Ghaldaqstant, tenut dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, GN 292.1939, kif ukoll id-Disposizzjonijiet 4 u 6 tat-Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**Rat ukoll l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.'**

Ikkonsidrat
Dwar din is-silta din il-Qorti ser tagħmel l-osservazzjonijiet segwenti:
(a) Skont l-artikolu 382 tal-Kap 9:
'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom ikun misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.'
(b) Dwar l-inosservanza tal-elementi ta' dan l-artikolu, il-Qorti tal-Appell Kriminali (preseduta mill-Onor.Vincent Degaetano) qalet hekk:

'Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosswervanza ta' xi wieħed mir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed mir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-Kap 9, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha, skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli mill-Qorti ex-ufficio. ' (21 ta' Lulju 1999 Vol. LXXXIII.Parti IV p.340 'Il-Pulizija versus Emanuel Azzopardi et.'

(ċ) L-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li sabet ħtija iżda ma identifikatx ċar biżżejjed dwar ta' liema imputazzjonijiet hija kienet qed issib lill-imputat ħati – jiġifieri dwar liema mill-imputazzjonijiet huwa nstab ħati - jekk hux (a), (b) (ċ), (d), u (e). U fejn issib ħtija tal-imputazzjonijiet kollha, il-Qorti trid tgħid dan ċar u tond li qed issibu ta' ħati tal-imputazzjonijiet kollha. Jekk il-Qorti tillibera minn xi imputazzjoni, dan irid jirriżulta b'mod ċar ukoll. U jekk tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha, dan ukoll irid jingħad.

(d) Din il-Qorti m'għandhiex deċiżjoni ċara quddiemha dwar ta' liema imputazzjonijiet l-imputat instab ħati. Wara l-kelma 'ħati' m'hemmx speċifikat ta' liema fatti kien misjub ħati. U din il-Qorti ma tistax tispekula u tgħid x'taħseb mhux biss dwar x'seta' kien deċiż dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni iżda wkoll dwar it-tlieta l-oħrajn ukoll jekk ir-rikorrent m'għamilx sottomissjonijiet ta' aggravji dwar l-imputazzjonijiet (ċ)(d) u (e). ***<u>Dan huwa punt ta' ordni pubbliku u tista' tqajmu l-Qorti ex-ufficio.</u>***

**(e) Isegwi li s-sentenza għandha l-ewwel element imsemmi fl-artikolu 382 nieqes.**

(f) Isegwi wkoll li fin-nuqqas ta' x'iddeċidiet b'mod ċar l-Ewwel Onorabbli Qorti dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet – ħati tat-tnejn, ħati ta' waħda u jekk fil-każ ta' waħda, ta' liema imputazzjoni nstab ħati, is-sentenza mhux biss għandha l-ewwel element nieqes iżda din il-Qorti ma tafx eżatt x'għandha tikkonferma jew tħassar. Ir-reati deskritti fl-imputazzjonijiet (a) u (b) mhumiex identiċi u l-Qrati Maltin diġa' kellhom l-opportunita' jesprimu ruħhom dwar dan ( Ara: Il-Pulizija vs Stagno Navarro – Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef l-Onor.Dr Joe Galea Debono).

(g) L-Ewwel Qorti semmiet ukoll l-artikolu 8 tal-Kap 101. Issa l-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjoni kollha

għandhom x’jaqsmu mal-artikolu 8 iżda dawn jaqgħu taħt diversi subinċiżi – 8(e), 8(a) u 8(d). Iżda dawn is-subinċiżi mhumiex indikati fil-parti tad-deċidi.

(h) Issemmew ir-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati. Iżda ma jissemmiex ir-regolament 9.

(i) Huwa tassew li ssemma l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 li jolqot l-artikolu 8(c) – kultivar tal-pjanta cannabis – liema imputazzjoni l-appellant mhux akkużat biha; u il-bejgħ ta’ xi droga kontrarjament għal dak li tipprovdi l-Ordinanza kif ukoll jekk id-droga tinstab taħt ċerti ċirkostanzi li juru li d-droga ma kenitx intiża għall-użu esklussiv tal-imputat. Iżda dan ma jolqotx il-pussess sempliċi kif jidher fit-tliet imputazzjoni immarkati (ċ)(d)(e) għax dawn jaqgħu taħt l-artikolu 22(2)(b)(ii).

(j) Oltre dan minħabba n-nuqqas ta’ referenza speċifika dwar ta’ liema imputazzjonijiet instab ħati l-imputat, din il-Qorti mhix qegħda f’pożizzjoni li tkun taf jekk l-artikolu 22(b)(i) huwiex intiż għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet jew għal waħda minnhom biss u jekk fil-każ liema waħda.

**(k) Isegwi li s-sentenza għandha t-tielet element nieqes għaliex mhux biss ma ssemmiex ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 iżda wkoll ma kinux speċifikati s-subinċiżi tal-artikolu 8 tal-Kap 101.**

(l) It-tieni element – l-għoti tal- piena – jinsab fis-sentenza.

**Il-Konklużjoni dwar ir-rikors ta’ Jonathan Cassar**

Il-Qorti, minħabba li, ai termini tal-artikolu 382 tal-kap 9, s-sentenza fiha żewġ elementi neċessarji ‘ad validitatem’ nieqsa, b’mod partikolari, għaliex il-Qorti sabet ruħha li ma tistax la tilqa’ u lanqas tirrespinġi l-ewwel aggravju ta’ dan ir-rikorrent, qed tannulla s-sentenza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija kontra Jonathan Cassar’ tat-13 ta’ Mejju 2011 u qed tibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabiex ikun hemm sentenza ġdida dwar **kull imputazzjoni** u sabiex ir-rikorrent ma jkunx priv mid-dritt tiegħu għad-doppio esame.

**Il-Konklużjoni dwar l-Appell tal-Avukat Ġenerali.**

Ġaldarba l-Qorti ddikjarat li s-sentenza fl-ismijiet premessi hija nulla, isegwi li l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tar-rikors tal-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------